**FIL-QORTI ĊIVILI**
**PRIM AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum, il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2023**

**Rikors Numru: 586/2023 ISB**

**Wara l-hrug tal-Mandat ta' Qbid Nru. 204/2023 MG fl-ismijiet:**

**L-Avukat Dr Nicholas Valenzia (ID 3181M), bhala mandatarju specjali, ghall-iskopijiet ta' dan il-mandat, tal-kumpannija estera registrata t-Turkija Faltinel Tersanesi Limited Sirketi (Registration no. 385041394)**

**Vs**

**Fahad Mohammed S. Alathel (Karta tal-Identita' Sawdita 1029374137)**

**DAN HUWA DIGRIET MOGHTI IN CAMERA GHAR-RIKORS TA' L-AVUKAT LISA CAMILLERI (KARTA TAL-IDENTITA' NUMRU 447290M) BHALA MANDATARJU SPECJALI TA' FAHAD MOHAMMED S. ALATHEL (KARTA TAL-IDENTITA' SAWDITA BIN-NUMRU 1029374137), MAGHMUL AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 836(1)(f) TAL-KAP 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA.**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-Rikors** tad-9 ta' Gunju 2023 pprezentat ai termini tal-Artiklu 836(1)(f) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta mil-**Avukat Lisa Camilleri (karta tal-**

**identita' numru 447290m) bhala mandatarju specjali ta' Fahad Mohammed S. Alathel (karta tal-identita' sawdita bin-numru 1029374137)**.

Rat id-Digriet taghha tas-16 ta' Gunju 2023;

Rat **ir-Risposta** mressqa fit-28 ta' Gunju 2023 mill-Avukat Nicholas Valenzia noe.;

Rat l-atti ta' din il-procedura;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 204/2023MG;

Rat s-sub-artikolu (4) tal-Artiklu 836 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jidhrilha illi tista' tghaddi ghad-digriet odjern minghajr il-htiega illi tinzamm seduta u tisma' trattazzjonijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi qed jitressaq dan ir-rikors ai temrini tal-**Artikolu 836(1)(f) tal-KAP 12** - *jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli*.

Minn qari tar-rikors, jinftiehem car illi dak li r-rikorrenti noe. ssostni hu illi kif stipulat fl-Artikolu 742 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qrati Maltin m'ghandhomx gurisdizzjoni fuq id-Debitur fil-Mandat ta' Qbid kawtelatorju de quo. Huwa ghalhekk illi ssostni illi l-Mandat ma ghandux jinzamm fis-sehh.

Il-Qorti tqis illi mhi tara ebda bdil fic-cirkostanzi, u dak sottomess mir-rikorrenti kien hemm sa mill-bidu tal-prezentata tal-Mandat. Xejn ma jidher illi nbidel minn dak in-nhar.

Dan qed jinghad peress illi hemm skorta ta' digrieti ta' dawn il-Qrati illi jsostnu illi l-applikabbilita' tal-Artikolu 836(1)(f) issib postha fejn ikun hemm bdil fic-cirkostanzi minn meta jkun intavolat il-Mandat.

Din il-Qorti diversament preseduta tenniet illi "*Din id-disposizzjoni tgħodd meta jkun hemm diġa` mandat fis-seħħ għal xi żmien, u mhux għall-każ preżenti fejn il-mandat għadu kif ġie maħruġ*"[1].

---

[1] 72/2023GM Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1767/22 fl-ismijiet: **Fundazzjoni Wirt Artna (LPF 141) Vs Landscapes Consortium Limited (C 30405)** – 28.02.2023

F'aktar dettal espremiet ruha din il-Qorti diversament preseduta meta qalet hekk[2]:

*Hu pacifiku li l-ezami li trid taghmel il-Qorti hu dak biss ta' prima facie ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz filkawza bejn il-partijiet. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju, tenut kont li si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghadha qieghda tistenna l-ezitu finali tal-kawza dwar ilmertu. (Ara s-sentenza fl-ismijiet Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut datata 5 ta' Ġunju 2003).*

*Dan is-subartikolu 836(1)(f) jghid li "jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 4 minn 8 Qrati tal-Gustizzja kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli";*

*"Ghalhekk f'dawn il-proceduri r-rikorrenti ghandhom jippruvaw li tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz mhux ragjonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghandu jibqa' fis-sehh u li xi wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-mandat m'ghadhiex tesisti."( Dr. Tonio Fenech noe v Dr. Patrick Spiteri et. noe " - PA(GC) - dec. fit-3 ta' Awissu 2003 ). <u>Illi minn kliem il-liġi stess joħroġ ċar li sabiex jitwarrab Mandat (jew parti) abbażi ta' dan is-subartikolu hu meħtieġ li jkun hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi mid-data tal-ħruġ tal-Mandat</u>;*

*…………*

*Il-bilanc li l-Qorti trid tilhaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra taghha ssir il-pretensjoni, jrid jigi meqjuz fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tieghu, protezzjoni bikrija mahsuba mil-ligi sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kif imiss fil-mertu.*

*Ma jrid jintesa' qatt li l-ghan ta' Mandat kawtelatorju hu li jiffriza l-qaghda sakemm ilkwistjoni tigi determinata definittivament u kif ghandu jkun fuq il-mertu.*

*Il-Qorti ghal dawn il-motivi, hi tal-fehma li ma jissussistix ir-ragun dedott a bazi tal-artikolu 836(1)(f), u fid-dawl tal-*

---

[2] 1223/2013LSO Gasan Mamo Insurance Limited (C 2143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Zarb Garage Limited (C 7125) u l-istess Zarb Garage Limited (C 7125). vs Roc A Go Crane Services Limited (C 27553), Anthony Theuma (ID 422369), Victor Micallef (ID 940547M), Kevin Bartolo (ID 243583M), Salvatore Micallef (ID 381267M). – 6.02.2014

*konsiderazzjonijiet taghha, qed tichad din l-ewwel talba dedotta mir-rikorrent.*

Maghdud dan u bbazat fuq dan l-insenjament, kkunsidrat illi r-rikorrenti noe ma ressqet ebda prova (u difficli fl-istadji inizjali bikrin tal-procedimenti), il-Qorti mhux ser ikollha alternattiva ghajr illi tichad it-talba ghar-revoka tal-Mandat kif mressqa.

In kwantu ghat-talba li saret sabiex l-intimat jigi kkundannat ihallas penali abbazi tal-**Artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12**, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti noe. ma ippruvat b'ebda mod, mqarr sabiex mad-daqqa t'ghajn, il-Qorti tifhem illi hemm xi forma ta' malizzja, frivolozita` jew vessatorjeta' fil-hrug tal-mandat in ezami u ghalhekk anke din it-talba qed tigi michuda ghaliex hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt.

Finalment, b'referenza ghall-ahhar talba maghmula sabiex il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' intimat thallas id-danni mitluba ai termini tal-**Artikolu 836(9) tal-KAP 12**, il-Qorti hawnekk ukoll tqis illi r-rikorrenti ma ressqitx l-icken prova tad-danni minnha riklamati. Huwa ghalhekk illi anke fil-kuntest ta' din it-talba, il-Qorti ser ikollha tichad it-talba mressqa.

**GHALHEKK,** ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-intimati ezekutanti l-Avukat Nicholas Valenzia noe, tichad it-talbiet tar-rikorrenti l-Avukat Lisa Camilleri noe. kif imressqa bir-rikors taghha tad-9 ta' Gunju 2023, stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura a karigu tal-istess rikorrent l-Avukat Lisa Camilleri noe.

**Digriet moghti *in camera*, illum, l-Gimgha, 7 ta' Lulju 2023.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**